A.L. 36 ta' l-1983

ATT TA' L-1981 DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (ATT NRU. XXXV TA' L-1981)

Ordni ta' l-1983 dwar Dikjarazzjoni ta' Ċerti Jeddijiet (Piżijiet għal Quddies)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14B ta' l-Att ta' l-1981 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-Ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1983 dwar Dikjarazzjoni ta' Ċerti Jeddijiet (Piżijiet għal Quddies) u għandu jibda jseħħ fil-15 ta' Lulju, 1983. Titolu u bidu fis-seħħ.

2. F'dan l-Ordni — Tifsir.

"piż" tfisser kull obbligu tas-sid ta' xi proprjetà immobbli li bih xi kerja jew frottijiet oħra ċivili li jinkisbu minn dik il-proprjetà jkollhom jiġu wżati jew imħallsa għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies għal ruħ il-mejtin, jew li bih xi ħlas dwar dik il-proprjetà għandu jsir għal dak il-għan;

"persuna" tinkludi grupp ta' persuni.

3. (1) Kull persuna li, fil-bidu fis-seħħ ta' dan l-Ordni, l-art tagħha tkun suġġetta għal piż, jew li favur tagħha f'dik id-data piż ikun impost fuq xi art għandha tiddikjara dak il-piż lir-Reġistratur ta' l-Artijiet sa mhux iktar tard mis-17 ta' Ottubru, 1983. Dikjarazzjoni ta' piżijiet.

(2) Meta xi piż jiġi mpost fuq xi art wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Ordni kull persuna li fuq l-art tagħha jew kull persuna li favur tagħha dak il-piż jiġi mpost għandha tiddikjara dak il-piż lir-Reġistratur ta' l-Artijiet mhux iktar tard minn tliet xhur mill-impożizzjoni ta' dak il-piż.